# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Mejju 2008

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

(2008/430/KE, Euratom)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-27 ta' Ġunju 2007 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/548/KE [2].

(2) Pendenti d-dħul tiegħu fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni [3].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll [4]. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Mejju 2008.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. RUPEL | José Manuel BARROSO |

[1] Opinjoni mogħtija fl-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
[2] ĠU L 202, 3.8.2007, p. 30.
[3] ĠU L 202, 3.8.2007, p. 31.
[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.